Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
11 MAY 2023
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

*Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru EC/00059/23*

**Robert Forace**

**Vs.**

**L-Awtorita' tal-Ippjanar**

**RIKORS TA' L-APPELL** ta' Robert Forace.

Jesponi bir-rispett:

ILLI, permezz ta' Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru EC00059/23 (**DOK: A**) datat 17 t'April 2023, l-Awtorita' appellata sostniet illi l-esponent kellu zvilupp mhux skond il-permess PA/08910/19 gewwa Brasserie Rodin, 141, Triq Spinola, San Giljan, ossija:

*"1) i) Tpoggiet pjattaforma tal-injam u l-metall quddiem l-istabiliment;*

*ii) Iz-zona tal-pjattaforma giet imdawra b'railing u ssaqqfet b'tinda tal-plastik fuq qafas tal-metal;*

*iii) tpoggew imwejjed, siggijiet u strutturi ancillari, fuq din iz-zona, li hi akbar minn kif indikata fil-pjanta PA/08910/18/62b;*

*iv) twahhal railing tal-metall u tpoggew planters (biswit l-istabiliment), li qed jostakolaw il-passagg pubbliku;*

*Dan kollu jikkostitwixxi bdil fl-uzu tal-art, minn art pubblika, ghal post fejn qed issir attivita kummercjali.*

*2) inkisret kundizzjoni 1 fil-permess PA/08910/19, billi sar zvilupp konness ma' dan il-permess, qabel ma tlestew ix-xogholijiet ta' tisbih approvati fil-permess PA/05270/18;*

*3) inkisret kundizzjoni 4 (c) fil-permess PA/08910/19, billi l-imwejjed, siggijiet u strutturi ancillari mhux qed jitnehhew fil-hinijiet meta l-istabiliment ikun maghluq.*

ILLI l-esponent hass ruhu aggravat b'dan l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq, u ghalhekk qieghed jinterponi dan l-umli appell;

ILLI l-aggravji tal-esponent huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

I. Fl-2018, il-*Malta Tourism Authority* niediet progett dwar it-tisbih tal-pjazza fi Triq Spinola, San Giljan, liema progett kien jinkludi, fost ohrajn, estensjoni konsiderevoli

taz-zona pedonali, it-tneħħija ta' numru ta' spazji ta' parkegg, u l-formazzjoni ta' zona intiza ghal *outside catering*;

Fil-fatt, l-idea tal-*Malta Tourism Authority* kienet li jigi stabbilit *masterplan* ghal *outside catering*, li jikkumplimenta d-disinn il-gdid tal-pjazza;

Dan il-progett kien jifforma l-meritu ta' applikazzjoni PA/05270/18 li giet approvata (**DOK: B**), u li kienet tinkludi zona sabiex fiha l-operaturi tal-istabbilimenti tal-ikel u tax-xorb ikunu jistghu jpoggu mwejjed u siggijiet - wara li jissottomettu applikazzjoni ghal dan l-iskop mal-Awtorita' tal-Ippjanar u mal-Awtorita' tal-Artijiet - kif jirrizulta mill-pjanta approvata hawn annessa (**DOK: C**), formanti parti mill-applikazzjoni msemija;

In linea mas-suespost, l-esponent, ghan-nom ta' Brasserie Rodin, ta' 141, Triq Spinola, San Giljan, issottometta zewg applikazzjonijiet sabiex ikunu jistghu jitpoggew imwejjed u siggijiet quddiem l-istabbiliment imsemmi, u quddiem dar adjacenti bil-kunsens tas-sid tal-istess dar;

Dawn l-applikazzjonijiet it-tnejn gew approvati, ossija kemm mill-Awtorita' tal-Artijiet (**DOK: D**), u kemm mill-Awtorita' tal-Ippjanar (**DOK: E**) tramite applikazzjoni PA/08910/19, li permezz taghha gie approvat it-tpoggija ta' mwejjed u siggijiet skond il-konfini li kienu gew stabbiliti fil-permess hawn fuq imsemmi PA/05270/18;

Billi jidher illi, sussegwentement, il-*Malta Tourism Authority* waqfet timplimenta dan il-progett, minkejja li gja' kien gie approvat kif inghad, l-esponent pogga pjattaforma temporanja fiz-zona li kienet intiza ghal *outside catering* skond kif gie approvat fil-permess PA/08910/19;

Din il-pjattaforma temporanja kellha, necessarjament, tigi installata mill-esponent billi, kif gja' inghad, il-*Malta Tourism Authority* naqset milli tkompli timplimenta l-progett u, konsegwentement, li kieku mhux ghall-pjattaforma msemmija, l-imwejjed u s-siggijiet kien ikollhom jitpoggew fl-ispazji ta' parkegg;

Jigi ritenut, madanakollu, illi din il-pjattaforma temporanja tpoggiet fiz-zona li kienet intiza ghal *outside catering*, skond kif gie approvat fil-permessi PA/05270/18 u PA/8910/19;

Minkejja li l-esponent ittenta jottjeni l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet ghat-tpoggija tal-pjattaforma temporanja sakemm il-*Malta Tourism Authority* tkompli timplimenta l-progett in kwistjoni, l-imsemmija Awtorita' naqset milli taghti tali awtorizzazzjoni sakemm il-*Malta Tourism Authority* timplimenta l-progett gja' approvat fl-intier tieghu;

II. ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq odjern huwa totalment infondat fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell;

GHALDAQSTANT l-esponent, filwaqt illi jirrizerva d-dritt illi jressaq dawk il-provi u xhieda kollha permessibbli mill-ligi in sostnenn tas-suespost, jitlob umilment u bir-rispett lil din it-Tribunal sabiex joghgbu, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, jilqa' dan l-appell u konsegwentement ihassar u jirrevoka l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq odjern, u dan ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, u ghal dawk ir-ragunijiet ulterjuri kollha li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh ta' dan l-appell, u salv kull provvediment ulterjuri li dan l-istess Tribunal jista' joghgbu jimponi.

**NORVAL DESIRA LL.D.**
*68/69, Melita Street, Valletta.*

*Esponent: Brasserie Rodin, 141, Triq Spinola, San Giljan.*

Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

*Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru EC/00059/23*

**Robert Forace**

**Vs.**

**L-Awtorita' tal-Ippjanar**

**ELENKU TA' DOKUMENTI**

I. **DOK: A** - Kopja tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq odjern;

II. **DOK: B** - Informazzjoni dwar permess PA/05270/18;

III. **DOK: C** - Pjanta approvata mal-permess PA/05270/18;

IV. **DOK: D** - Applikazzjoni li saret mal-Awtorita' tal-Artijiet;

V. **DOK: E** - Informazzjoni dwar permess PA/08910/19.

**NORVAL DESIRA LL.D.**
*68/69, Melita Street, Valletta.*